



Il-Lussemburgu , 08.06.2023

REF.: CDT-AD5-2023/05
TRADUTTURI TAL-LINGWI LATVJANA, SLOVAKKA U SLOVENA

GRAD: AD5
DIPARTIMENT: TRADUZZJONI
POST TAL-IMPJIEG: IL-LUSSEMBURGU

Il-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ġie stabbilit fl-1994 biex jipprovdi servizzi tat-traduzzjoni għad-diversi korpi tal-Unjoni Ewropea. Huwa bbażat fil-Lussemburgu. Mill-istabbiliment tiegħu, ix-xogħol taċ-Ċentru żdied konsiderevolment, u issa għandu tim ta' madwar 110 tradutturi.

B'konformità mal-Artikolu 11 tad-deċiżjoni taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-proċedura li tirregola l-ingaġġ u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f), iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni qed jorganizza proċedura ta' selezzjoni biex jiġu stabbiliti tliet listi ta' riżerva¹ għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju² bit-tliet profili li ġejjin:

- (a) traduttur bil-Latvjan bħala lingwa prinċipali
- (b) traduttur bis-Slovakk bħala lingwa prinċipali
- (c) traduttur bis-Sloven bħala lingwa prinċipali

fejn "lingwa prinċipali" tfisser il-lingwa materna jew lingwa li l-applikanti għandhom għarfien ekwivalenti tagħha.

Il-kompiti tagħhom se jinkludu t-traduzzjoni ta' testi mill-Ingliż u minn lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni Ewropea għal-Latvjan, għas-Slovakk jew għas-Sloven rispettivament, u r-reviżjoni ta' testi tradotti minn kuntratturi esterni għal-Latvjan, għas-Slovakk jew għas-Sloven rispettivament.

A. KRITERJI TA' SELEZZJONI:

Sabiex ikun eliġibbli biex jipparteċipa f'din il-proċedura ta' selezzjoni, l-applikant għandu, fid-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet online (07.07.2023 21.07.2023), jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(1) KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ:

- ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- kwalifiki: ikollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati permezz ta' diploma³;

¹ L-istess lista ta' riżerva tista' tintuża għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(b) u ta' persunal kuntrattwali skont l-Artikolu 3(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-lista ta' riżerva tista' tiġi kondiviża wkoll ma' aġenziji oħrajn tal-UE f'każ ta' ħtiġijiet ta' servizz.

² Il-membri tal-persunal intern impjegati bħala persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS (grupp ta' funzjonijiet AD) jistgħu jużaw din il-pubblikazzjoni biex japplikaw bħala mezz ta' publikazzjoni interna.

³ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

- għarfien ta' lingwi:
 - Lingwa 1 (lingwa prinċipali):
 - Għall-profil tal-lingwa Latvjana: għarfien perfett tal-Latvjan (Livell C⁴),
 - Għall-profil tal-lingwa Slovakk: għarfien perfett tas-Slovakk (Livell C2),
 - Għall-profil tal-lingwa Slovena: għarfien perfett tas-Sloven (Livell C2),
 - Lingwa 2 (l-ewwel lingwa sors): għarfien eċċellenti tal-Ingliż (Livell C1 jew ogħla),
 - Lingwa 3 (it-tieni lingwa sors): għarfien tajjeb ħafna tal-Franċiż jew tal-Ġermaniż (Livell B2 jew ogħla).

(2) KOMPETENZI U HILJET SPEĊIFIĊI

Dan li ġej ikun ta' vantaġġ:

- għarfien ta' mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni Ewropea barra mil-lingwi 1, 2 u 3 msemmija fil-punt A(1) ikun ta' vantaġġ (il-Bulgaru, l-Ispanjol, iċ-Ċek, id-Daniż, il-Ġermaniż, l-Estonjan, il-Grieg, il-Franċiż, l-Irlandiż, il-Kroat, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, l-Ungeriż, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, il-Finlandiż u l-lżvediz);
- għarfien ta' għodod għat-Traduzzjoni Assistita mill-Kompjuter;
- għarfien tal-ġestjoni tat-terminoloġija;
- esperjenza ta' xogħol ta' mill-inqas sitt xhur bħala traduttur;
- esperjenza ta' xogħol bħala traduttur ma' istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

B. PROĊEDURA TA' SELEZZJONI:

(1) STADJU TA' PRESELEZZJONI:

L-istadju ta' preselezzjoni se jsir f'żewġ partijiet:

- L-ewwel parti se tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fil-punt A(1) u għandha l-għan li tistabbilixxi jekk l-applikant jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà obligatorji kollha u r-rekwiżiti formali kollha stipulati fil-proċedura ta' applikazzjoni. L-applikanti li ma jissodisfawx dawn il-kriterji se jiġu rrifjutati.
- It-tieni parti se tqis l-esperjenza professjonali u l-“Kompetenzi u ħiliet speċifiċi” msemmija fil-punt A(2). Din il-parti se tkun immarkata fuq skala minn 0 sa 20 (marka minima: 10).

Għal kull profil tal-lingwa (il-Latvjan, is-Slovakk u s-Sloven) il-Kumitat ta' Selezzjoni se jistieden, għall-fażi ta' selezzjoni, l-20 kandidat li jkunu għaddew u kisbu l-ogħla marki matul il-fażi ta' preselezzjoni.

(2) L-ISTADJU TA' SELEZZJONI:

L-istadju ta' selezzjoni se jikkonsisti minn żewġ partijiet:

- (a) Eżami bil-miktub li jikkonsisti minn:
 - (i) traduzzjoni mil-lingwa 2 (l-Ingliż) għal-lingwa 1 (rispettivament il-Latvjan, is-Slovakk jew is-Sloven) ta' test ta' madwar 25 linja biex jiġu vvalutati l-aptitudnijiet ġenerali u l-ħiliet lingwistiċi tal-applikanti sa fejn dan huwa meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u l-kompetenzi

⁴ Il-livelli definiti skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi: Apprendiment, Tagħlim, Valutazzjoni (QKERL).

speċifiċi b'referenza għall-profil tagħhom. L-użu ta' dizżjunarji mhux elettroniċi li għandhom jinġiebu għat-test mill-applikanti huwa permess.

Fin allokati: Siegħa.

- (ii) traduzzjoni mil-lingwa 3 (il-Ġermaniż jew il-Franċiż) għal-lingwa 1 (rispettivament il-Latvjan, is-Slovakk jew is-Sloven) ta' test ta' madwar 25 linja biex jiġu vvalutati l-aptitudnijiet ġenerali u l-ħiliet lingwistiċi tal-applikanti sa fejn dan huwa meħtieġ għat-tweqqif tal-kompiti tagħhom u l-kompetenzi speċifiċi b'referenza għall-profil tagħhom. L-użu ta' dizżjunarji mhux elettroniċi li għandhom jinġiebu għat-test mill-applikanti huwa permess.

Fin allokati: Siegħa.

- (iii) revizzjoni ta' test tradott mil-lingwa 2 (l-Ingliż) fil-lingwa 1 (rispettivament il-Latvjan, is-Slovakk jew is-Sloven) ta' madwar 25 linja, biex jiġu vvalutati l-aptitudnijiet ġenerali u l-ħiliet lingwistiċi tal-applikanti sa fejn dan huwa meħtieġ għat-tweqqif tal-kompiti tagħhom u l-kompetenzi speċifiċi b'referenza għall-profil tagħhom. L-użu ta' dizżjunarji mhux elettroniċi li għandhom jinġiebu għat-test mill-applikanti huwa permess.

Fin allokati: 30 minuta.

Kull eżami bil-miktub se jiġi mmarkat minn 20 marka (marka minima meħtieġa: 12).

Jekk l-applikant ma jgħaddix mill-eżami (i), l-eżamijiet (ii) u (iii) mhux se jiġu mmarkati. Jekk l-applikant jgħaddi mill-eżami (i) iżda jeħel mill-eżami (ii), l-eżami (iii) mhux se jiġi mmarkat.

- (b) Intervista mal-Kumitat ta' Selezzjoni biex tiġi vvalutata l-adekwatezza tal-applikanti biex iwettqu l-kompiti deskritti hawn fuq. L-intervista se tiffoka wkoll fuq l-għarfien speċjalizzat tal-applikanti u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu f'ambjent multikulturali.

Fin allokati: 45 minuta.

Jekk jogħġbok kun af li l-applikanti li jkunu għaddew l-eżami bil-miktub biss jiġu mistiedna għal intervista.

L-intervista se ssir fil-parti l-kbira bl-Ingliż. Lingwi oħra jistgħu jiġu ttestjati skont id-dikjarazzjoni dwar l-għarfien tal-lingwi magħmula mill-kandidati.

L-intervista se tiġi mmarkata minn 20 marka (marka minima meħtieġa: 12).

L-eżami bil-miktub u l-intervista se jsiru fil-Lussemburgu jew b'mod remot. L-applikanti mistiedna għal-eżamijiet se jirċievu l-informazzjoni rilevanti kollha fi żmien debitu.

Dawk l-applikanti li jiġu mistiedna għal-eżamijiet iridu jissottomettu, sa mhux aktar tard mill-jum tal-intervista, id-dokumenti ta' sostenn rilevanti li jikkorrispondu mal-informazzjoni mdaħħla fil-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri kopji tad-diplomi, prova tan-nazzjonalità, ċertifikati u dokumenti ta' sostenn oħra li jagħtu prova tal-kwalifiki u tal-esperjenza professjonali tagħhom u li juru biċ-ċar id-dati tal-bidu u tat-tmiem, il-kariga u n-natura eżatta tal-kompiti tagħhom, eċċ. Jekk l-eżamijiet isiru mill-bogħod, l-applikanti jistgħu jibagħtu kopja tad-dokumenti ta' sostenn mitluba hawn fuq permezz ta' email fuq E-Selection@cdt.europa.eu.

Ladarba l-eżamijiet bil-miktub u l-intervisti jkunu ngħataw il-marki, il-Kumitat ta' Selezzjoni jfassal lista ta' riżerva bl-applikanti li jkunu għaddew f'ordni alfabetika għal kull profil. L-applikanti li jkunu għaddew huma l-applikanti li jkunu kisbu kemm marka minima aggregata fl-eżami bil-miktub kif ukoll marka minima fl-intervista (ara l-punti 2(a) u 2(b) hawn fuq). L-applikanti għandhom jinnotaw li l-inklużjoni fl-lista ta' riżerva ma tiggarrantixx ir-reklutaġġ.

Qabel ma jstabbilixxi l-lista ta' riżerva, il-Kumitat ta' Selezzjoni se janalizza d-dokumenti ta' sostenn tal-kandidati li jkunu għaddew mill-intervista u mill-eżamijiet bil-miktub.

Barra minn hekk, qabel jiġi konkluż il-kuntratt, l-applikanti magħżula se jkollhom jipprovdu l-kopji oriġinali u dawk iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu prova li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà.

Jekk, f'xi stadju fil-proċedura ta' selezzjoni jew ta' reklutaġġ, jiġi żvelat li l-informazzjoni li tkun ingħatat fl-applikazzjoni tkun ġiet iffalsifikata konxjament, il-kandidat se jiġi skwalifikat.

Il-kandidati se jiġu skwalifikati wkoll jekk:

- ma jissodisfawx il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà fl-għeluq tal-applikazzjonijiet;
- jonqsu milli jipprovdu d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa.

Il-lista ta' riżerva se tkun valida sal-31.12.2023 u tista' tiġi estiża skont id-diskrezzjoni tal-Awtorità ta' Ċentru tat-Traduzzjoni awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratti ta' impjieg.

C. REKLUTAĠĠ:

Skont is-sitwazzjoni baġitarja, l-applikanti li jkunu għaddew jistgħu jiġu offruti kuntratt ta' tliet snin (li jista' jerġa' jiġġedded) f'konformità mal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Skont il-livell tal-kunfidenzjalità tax-xogħol imwettaq, jista' jkun meħtieġ li l-applikant magħżul ikollu japplika għal approvazzjoni tas-sigurtà.

L-applikanti magħżula se jrin jiġu reklutati fil-grad AD 5. Is-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AD 5 (stadju 1) huwa EUR 5.361,87. Minbarra s-salarju bażiku, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal diversi benefiċċji, bħall-benefiċċju tal-familja, il-benefiċċju ta' espatriazzjoni (16 % tas-salarju bażiku), eċċ.

Barra minn hekk, sabiex ikun eliġibbli u qabel ma jinħatar, l-applikant magħżul irid:

- ikun issodisfa kwalunkwe obbligu impost fuqu mil-liġijiet li jirrigwardaw is-servizz militari;
- ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għall-kompiti involuti (igawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin)⁵;
- jgħaddi minn eżami mediku mwettaq miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 12 (2) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

D. PROCĊEDURA TA' APPLIKAZZJONI:

L-applikanti interessati jridu jimlew l-applikazzjoni online tagħhom fuq Systal (https://aa251.referrals.selectminds.com/?lset=en_US) sal-iskadenza.

L-applikanti għandhom jagħżlu l-lingwa li għaliha jixtiequ japplikaw billi jagħżlu l-pożizzjoni vakanti korrispondenti disponibbli fuq il-portal tal-Impjieg tas-CdT.

Nirrakkomandaw bis-sħiħ li l-applikanti ma jistennewx sal-aħħar ftit jiem biex japplikaw. L-esperjenza wriet li s-sistema tista' tkun mgħobbija żżejjed aktar ma toqrob id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet. Għaldaqstant jista' jagħti l-każ li jkun diffiċli tapplika fil-ħin.

F'każ ta' mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja t-taqsima tar-Riżorsi Umani fuq E-Selection@cdt.europa.eu.

OPPORTUNITAJIET INDAQS

l-Ċentru tat-Traduzzjoni huwa impjegatur li jħaddan politika ta' opportunitajiet indaqs u jirrekluta applikanti irrispettivament mill-età, ir-razza, il-konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilitajiet, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

INDIPENDENZA U DIKJARAZZJONI TA' INTERESSI

Id-detentur tal-impjieg se jkun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe interess li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha.

⁵ L-applikanti jridu jipprovdu ċertifikat uffċjali li jikkonferma li ma għandhomx rekord kriminali.

E. INFORMAZZJONI ĠENERALI

RIEŻAMI – APPELL – ILMENTI

L-applikanti li jikkunsidraw li għandhom raġunijiet għal ilment rigward deċiżjoni partikolari jistgħu, fi kwalunkwe ħin tal-proċedura ta' selezzjoni, jitolbu aktar dettalji rigward din id-deċiżjoni mill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni, jibdew proċedura ta' appell jew iressqu lment lill-Ombudsman Ewropew (ara l-Anness I).

TALBIET MINN KANDIDATI GĦAL AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNAHOM

L-applikanti involuti fi proċedura ta' selezzjoni għandhom id-dritt speċifiku ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. L-applikanti li jitolbu dan jistgħu għaldaqstant jiġu pprovduti b'informazzjoni supplimentari relatata mal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni. L-applikanti jridu jibagħtu talbiet bħal dawn bil-miktub lill-President tal-Kumitat ta' Selezzjoni fi żmien xahar minn meta jiġu nnotifikati bir-riżultati tagħhom fil-proċedura ta' selezzjoni. It-tweġiba tintbagħat fi żmien xahar. It-talbiet se jiġu indirizzati filwaqt li titqies in-natura kunfidenzjali tal-proċedimenti tal-Kumitat ta' Selezzjoni skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

lċ-Ċentru tat-Traduzzjoni (bħala l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċedura ta' selezzjoni) se jiżgura li d-*data* personali tal-applikanti tkun ipproċessata kif mitlub mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39). Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

Il-kandidati għandhom id-dritt li jirrikorru fi kwalunkwe ħin għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu).

Jekk jogħġbok ara l-[avviż ta' privatezza speċifiku](#).

ANNEX 1 TALBIET GĦAL RIEŻAMI - PROĊEDURI TA' APPELL - ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Peress li r-Regolamenti tal-Persunal japplikaw għall-proċeduri ta' selezzjoni, jekk jogħġbok innota li l-proċedimenti kollha huma kunfidenzjali. Jekk fi kwalunkwe stadju tal-proċedura ta' selezzjoni, l-applikanti jikkunsidraw li l-interessi tagħhom ikunu ġew preġudikati minn deċiżjoni partikolari, huma jistgħu jieħdu l-azzjoni li ġejja:

I. TALBIET GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI JEW GĦAL RIEŻAMI

- Ibgħat ittra fejn titlob aktar informazzjoni jew rieżami u ppreżenta l-każ tiegħek lil:
For the attention of the Chair of the Selection Committee CDT-AD5-2023-05
Translation Centre
Bâtiment Technopolis Gasperich
Office 3077
12 E, rue Guillaume Kroll
L-1882 Luxembourg

fi żmien 10 ijiem kalendarji mid-data tal-konsenja tal-ittra fejn tinfirmahom bid-deċiżjoni. Il-Kumitat ta' Selezzjoni se jibgħat twegħiba malajr kemm jista' jkun.

II. PROĊEDURI TA' APPELL

- Ressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġejj:
For the attention of the Authority authorised to conclude contracts of employment CDT-AD5-2023-05
Translation Centre
Bâtiment Technopolis Gasperich
Office 3077
12 E, rue Guillaume Kroll
L-1882 Luxembourg

Il-limiti ta' żmien biex jinbdew dawn iż-żewġ tipi ta' proċedura (ara r-Regolamenti tal-Persunal kif emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 287 tad-29.10.2013, p.15 – [EUR-Lex - 32013R1023 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)) jibdwu mill-mument li l-applikanti jiġu nnotifikati dwar l-att li allegatament jippreġudika l-interessi tagħhom.

Jekk jogħġbok innota li l-Awtorità awtorizzata biex tikkonkludi l-kuntratt ta' impjieg ma għandhiex is-setgħa li temenda d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Selezzjoni. B'mod konsistenti l-Qorti dejjem sostniet li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu Kumitati ta' Selezzjoni mhijiex soġġetta għal rieżami mill-Qorti sakemm ir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti ta' Kumitati ta' Selezzjoni ma jkunux inkisru b'mod ċar.

III. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

- L-applikanti jistgħu jippreżentaw ilment lil:
European Ombudsman
1 avenue du Président-Robert-Schuman – CS 30403
F-67001 Strasbourg Cedex
- skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweġiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/ECSC, KE, Euratom (ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1–10).

Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti li jsiru lill-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex jitressqu lmenti jew biex jiġu sottomessi appelli lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota wkoll li, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (l-Istatut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/ECSC, KE, Euratom, kull ilment imressaq lill-Ombudsman irid ikun preċedut mill-approċċi amministrattivi xierqa lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.